Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,122, 22 ta' Jannar, 2019
Taqsima B

A.L. 10 tal-2019

ATT DWAR ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 490.04.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "Elenku dwar l-Artijiet" għandhom jiżdiedu l-kliem:

"Elenku dwar il-Logħob

Elenku dwar l-Innovazzjoni Diġitali".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolamenti (11) u (12) tiegħu, għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (13) u (14) rispettivament; u

(b) minnufih wara s-subregolament (10) tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda kif ġej:

"(11) L-assistenti maħtura fuq l-Elenku dwar l-Logħob ikunu kompetenti li jittrattaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-Att dwar il-Logħob. Kap. 583.

(12) L-assistenti maħtura fuq l-Elenku dwar l-Innovazzjoni Diġitali jkunu kompetenti li jittrattaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta.". Kap. 591.